# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum it-13 ta' Frar 2020**

Appell numru 189 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Jesmond BORG**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 ta' Ġunju 2019 fil-konfront ta' Jesmond BORG detentur tal-karta tal-identità bin-numru 147165M fejn ġie mixli:

   Talli fl-10 ta' jannar 2018 u fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa "Lany", Flat 3, Triq C. De Brocktorff, l-Imsida, meta b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda :

   (1) bla ħsieb li jikser jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita tiegħu innifsu, fixkel lil Pauline Cutajar fil-pussess ta' ħwejjiġha, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor u ċjoe ta' Pauline Cutajar;

(2) u aktar talli kkommetta vjolazzjoni għad-dannu ta' Pauline Cutajar;

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna lill-imputat, f'każ ta' ħtija sabiex ineħħi l-inkonvenjent fi żmien akkordat, taħt penali għal kuljum ta' nuqqas.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat:

   l-Artikolu 688(e) u l-Artikolu 18, l-Artikolu 85(1) u l-Artikolu 340(d) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) rigward l-ewwel u t-tieni akkuża, tiddikjara li l-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat preskritta a tenur tal-Artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.

3. Illi minn din is-sentenza, il-parte civile **Pauline Cutajar** interponiet appell permezz ta' rikors datat 3 ta' Lulju 2019 fejn talbet li s-sentenza hawn fuq imsemmija u fejn iddikjarat li l-azzjoni kontra Jesmond BORG hija preskritta u minnha ġie liberat tiġi revokata u minflok li l-Qorti tiddikjara lil Jesmond BORG ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tikkundannaħ skont il-Liġi.

4. Semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell u rat l-atti u d-dokumenti kollha.

***Ikkunsidrat:***

5. Illi dan huwa każ fejn l-appell qiegħed jiġi interpost mill-parte civile. Illi kif osservat matul it-trattazzjoni tal-appell biex appell

mill-***kwerelant*** jirnexxi jeħtieġ li jkun jissodisfa diversi kriterji fosthom meta : -

a. Ir-reat ikun ta' kompetenza oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jiġifieri jkun jinkwadra fil-parametri tal-artikolu 370(1) moqri flimkien mal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali;

b. L-azzjoni kriminali relattiva għar-reat *in specie* ma tkunx tista' titmexxa ħlief bil-kwerela tal-parti leża;

c. Il-prosekuzzjoni tal-kawża titmexxa mill-parti leża stess ai termini tal-artikolu 374 tal-Kodiċi Kriminali, ċjoe billi s-sentenza tal-Qorti tingħata fil-konfront tal-kwerelant, ossija l-parti leża u fil-konfront tal-kwerelat. Mill-okkju tas-sentenza ikun jirriżulta li l-proċedura tkun tmexxiet fil-forma "*privata*" jiġifieri billi l-partijiet fil-kawża jkunu jidhru li huma il-kwerelant u l-appellat, a differenza ta' proċediment *ex officio* fejn il-partijiet fil-kawża jkunu Il-Pulizija kontra l-kwerelat.

d. Imbagħad naturalment, jekk dawn il-kriterja jiġu lkoll soddisfatti, trid tiġi invokata almenu waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali bħala l-bażi legali għall-appell de quo.[1]

---

[1] Ara f'dan is-sens l-appelli kriminali fl-ismijiet : - ***Il-Pulizija vs Alfred Vella***, 24 ta' Frar 2000; ***Il-Pulizija vs. Joseph Bugeja***, 25 ta' Jannar 2008; ***Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard***, 21 ta' Jannar 2011, ***Il-Pulizija vs Robert Forace***, 8 ta' Mejju 2013; ***Il-Pulizija vs. Jimmy Bonnici et***, 17 t'Ottubru 2013; ***Il-Pulizija vs Teresa Mifsud***, 6 ta' Frar 2015; ***Il-Pulizija vs Darren Grima***, 28 ta' Frar 2018; ***Il-Pulizija vs Martin Vella***, 12 ta' Marzu 2019; u ***Il-Pulizija vs Ritchel Musa Lotino Borg***, 16 ta' Lulju 2019, ***u Il-Pulizija vs. Anthony Agius***, deċiża fid-19 ta' Diċembru 2019, fost oħrajn.

6. Illi dawn huma rekwiżiti kumulattivi.  F'dan il-każ dawn ir-rekwiżiti ma ġewx milħuqa u għalhekk din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell.

## ***Deċide***

Għaldaqstant il-Qorti tiddikjara r-rikors imressaq minn Pauline Cutajar aktar il-fuq imsemmi bħala irritu u null u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***